MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 74/2019 LM

**Gerald Joseph Mifsud**
*("l-appellat")*

***vs.***

**Christian Sciberras**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat, hawnhekk "l-appellant", **Christian Sciberras**, minn lodo arbitrali tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), tat-18 ta' Settembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali") li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tar-rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **Gerald Joseph Mifsud**, għandhom jiġu milqugħa, u għal dan il-għan ordna lill-intimat

iħallas lir-rikorrent is-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€768.60), bl-imgħax mid-data tal-lodo arbitrali sad-data tal-ħlas effettiv.

**Fatti**

2. Fil-31 ta' Ottubru, 2013 seħħ inċident stradali ("l-inċident") fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex bejn vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni CBL 734 misjuqa mir-rikorrent, u l-mutur tat-tip BMW 850 targat GVP 381, proprjetà tal-Korp tal-Pulizija, li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed jinstaq mill-intimat. L-inċident seħħ meta kemm il-vettura kif ukoll il-mutur kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni u ċjoé minn Tas-Sliema fid-direzzjoni tal-Imsida.

**Mertu**

3. Fit-talbiet tiegħu lit-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġi ddikjarat li l-intimat kien responsabbli għall-inċident u għad-danni kollha konsegwenzjali, kif ukoll talab lit-Tribunal jillikwida d-danni sofferti minnu fis-somma ta' €768.60, u bl-intimat jiġi kkundannat iħallas l-imsemmija somma u l-ispejjeż legali kollha. Fl-*istatement of claim* tiegħu r-rikorrent spjega li l-inċident seħħ għaliex l-intimat naqas milli jimxi bi prudenza, b'diliġenza u bl-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias,* kif ukoll naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku.

4. L-intimat wieġeb li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu respinti għaliex l-inċident inkwistjoni seħħ għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lilu. Qal ukoll li l-inċident seħħ unikament tort tar-rikorrent, li naqas milli jħares l-obbligi tiegħu bħala sewwieq, u għamel manuvra azzardata li kkaġunat l-inċident.

5. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija li sar in segwitu għall-inċident, kif ukoll kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Gerald Joseph Mifsud**, tat-13 ta' Mejju, 2014, fejn ġie deċiż illi,

> "Illi mill-provi jirriżulta, mill-wiri tad-DVD b'mod partikolari, li l-mutur misjuq mill-kwerelant PC 1028 Christian Sciberras fil-fatt ittenta jissorpassa lill-imputat min-naħa ta' ġewwa u għalhekk kien hu li kkaġuna l-inċident minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku li wieħed għandu jissorpassa min-naħa tal-lemin. Jidher għalhekk li x-xhieda ta' PC 1028 mhix kredibbli.
>
> Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Liġi, u ċioe Artikoli 226 u 328 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputat Gerald Joseph Mifsud ħati tal-akkużi u tilliberah minnhom."

Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta lilu fit-3 ta' Frar, 2014, li permezz tagħha l-Kummissarju tal-Pulizija, filwaqt li għamel riferiment għall-inċident, interpellah sabiex jersaq għall-ħlas tas-somma ta' €4,583.55 bħala danni, rappreżentanti €4,500 bħala spiża tal-mutur li ġie *written off,* u €83.55 bħala spiża għall-uniformi tal-intimat u għax-xiri ta' apparat li ġie danneġġat waqt l-inċident. Il-Kummissarju tal-Pulizija żamm lir-rikorrent responsabbli wkoll għal kull spiża oħra li jista' jkollu jinkorri f'każ li huwa jinżamm responsabbli direttament jew indirettament għal xi ħsarat imġarrba

fil-vettura tal-għamla Volkswagen Polo (targata VLT 308) proprjetà ta' Jonathan Spiteri, li ukoll kienet involuta fl-inċident.

6. Ir-rikorrent xehed li dakinhar tal-inċident huwa kien waħdu fil-karozza tiegħu waqt li kien qiegħed isuq mid-direzzjoni ta' Tas-Sliema sejjer lejn il-Gżira, fl-inħawi fejn hemm l-A1 Bar. Qal li kif kien se jikser fuq il-lemin, xegħel l-*indicator,* u fil-ħin li kien ser jibda jikser fuq il-lemin sema' ħoss ta' ħabta. Ir-rikorrent ippreċiża li fil-ħin tal-ħabta huwa kien għadu ma bediex jikser lejn il-lemin, imma kien laħaq għamel biss manuvra żgħira biex jindika li ried jikser lejn il-lemin. Qal li kif waqaf, ra mutur jitkaxkar quddiemu, u meta eżamina l-vettura tiegħu sab li d-daqqa kienet fuq il-lemin tal-vettura u fuq il-*mudguard*. Kien hemm ukoll vettura tal-għamla Volkswagen Polo li kienet ħierġa minn *side-street* viċin l-ispiżerija 'Remedies'. Qal li l-mutur baqa' jitkaxkar għal tul ta' bejn tletin u ħamsin metru. Ir-rikorrent qal li kien il-mutur li laqat lilu, u xħin huwa pprova jiftaħ il-bieba tan-naħa tax-xufier, sab li din ma kinitx tinfetaħ. Qal li l-mera tal-vettura tiegħu nqalgħet, u wara li seħħ l-inċident induna li s-sewwieq tal-mutur kien pulizija. Ir-rikorrent qal li fi ftit ħin waslu numru kbir ta' pulizija li bdew jieħdu r-ritratti u jinvestigaw il-post fejn seħħ l-inċident. Ir-rikorrent qal li fil-ħin tal-inċident, il-mutur misjuq mill-intimat la kellu dwal u lanqas sireni jdoqqu. Ir-rikorrent esebixxa DVD li l-Pulizija ġabret minn CCTV *camera* ta' ħanut fl-inħawi, li qabdet l-inċident. Ir-rikorrent xehed ukoll li minħabba f'dan l-inċident huwa tressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Qal li l-vettura tiegħu ġiet spezzjonata mill-Pulizija, u wara l-inċident huwa kien sewwieha.

7. F'seduta sussegwenti r-rikorrent qal li huwa kien għaddej minn nofs it-triq, u fi żmien l-inċident din it-triq kellha karreġġjata waħda, u għalhekk ma setgħux jgħaddu żewġ vetturi. Qal li huwa kien fin-nofs tas-*single carriage way.* Qal li qabel kiser hu ma ħarisx fil-mera, iżda ma rax vetturi ġejjin fid-direzzjoni tiegħu qabel seħħ l-inċident. Qal ukoll li sakemm ħareġ mill-karozza tiegħu hu ma kienx jaf f'liema parti tal-vettura kien intlaqat.

8. **Jonathan Spiteri**, ix-xufier tal-vettura Volkswagen Polo, xehed li fil-ħin tal-inċident huwa kien wieqaf fuq *stop sign,* u l-mutur misjuq mill-intimat tkaxkar fid-direzzjoni tal-vettura tiegħu. Qal li mad-daqqa, is-sewwieq tal-mutur kien jidher li weġġa' u għalhekk issejħet l-ambulanza. Dan ix-xhud qal li l-mutur inkwistjoni tkaxkar f'distanza ta' madwar għaxar metri.

9. **PS 491 Matthew Galea** xehed li hu ssejjaħ fuq il-post tal-inċident fejn sab li kienet seħħet kolliżjoni bejn mutur tal-Pulizija u vettura tal-għamla Fiat Punto ħadra (CBL 734). Ix-xhud qal li l-mutur tal-Pulizija involut fl-inċident kien imkisser kollu, filwaqt li l-vettura misjuqa mir-rikorrent kellha daqqa fuq in-naħa tal-lemin. Dan ix-xhud ippreżenta kopja tal-iskizz tal-inċident. F'seduta sussegwenti, dan ix-xhud ikkonferma li l-mutur misjuq mill-intimat kien imkisser minn kullimkien, u għalhekk ma setax ikun ċert b'liema parti tal-mutur seħħ l-impatt. Dan ix-xhud ikkonferma li wara l-inċident l-intimat ittieħed lejn l-isptar fejn ġie ċċertifikat li qiegħed ibati minn ġrieħi ħfief. Spjega li t-triq fejn seħħ l-inċident hija *one way,* iżda xorta fiha żewġ karreġġjati. Qal li fuq in-naħa tal-lemin tat-triq hemm diversi posti għall-parkeġġ. Qal ukoll li l-mutur instab biswit il-vettura VLT 308 Volkswagen Polo. Żied jgħid li t-triq fejn

seħħ l-inċident hija telgħa, u li l-post fejn seħħ l-impatt għandu inklinazzjoni li hija inqas għolja minn dik li hemm aktar 'il fuq fit-triq. Ix-xhud qal ukoll li huwa ddeċieda li joħroġ akkużi fil-konfront tar-rikorrent.

10. Pulizija oħra li marru fuq il-post tal-inċident, ikkonfermaw li setgħu jelevaw xi filmati meħuda minn CCTV *camera* fil-viċinanzi, u minn din il-*camera* ttieħdu wkoll immaġni fissi li juru d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident.

11. L-intimat **Christian Sciberras** xehed li dakinhar tal-inċident huwa kien ġej min-naħa tal-Gżira fid-direzzjoni lejn il-Furjana. Qal li l-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident hija *single-way,* u t-triq hija wiesgħa biżżejjed biex tista' tgħaddi aktar minn vettura waħda. Qal li ma jiftakarx jekk fil-ħin tal-inċident kienx hemm vetturi pparkjati mal-ġenb tat-triq. Qal ukoll li dak il-ħin it-triq kienet imxarrba, u l-aħħar li ħares lejn id-*dashboard,* sa ftit qabel l-impatt, seta' jara li huwa kien qiegħed isuq b'40 kilometru fis-siegħa. Qal ukoll li l-unika vettura li seta' jara fit-triq kienet dik li spiċċa taħtha, il-Volkswagen Polo, filwaqt li l-Fiat tar-rikorrent kienet għadha 'l bogħod, u huwa ra lir-rikorrent qiegħed jikser lejn Triq ix-Xatt. Qal li r-rikorrent fl-ebda waqt ma indika li kien sejjer lejn dik id-direzzjoni, u hu ħabat mal-vettura tar-rikorrent fuq in-naħa tax-xufier ta' quddiem. Qal li eżatt kif seħħ l-impatt, huwa seta' jara xi ħaġa riesqa lejh, u induna li kienet il-vettura li pprova jissorpassa, għalhekk ipprova jagħmel manuvra biex jevitaha, ħabat mal-ġenb tal-vettura, waqa' mal-art u tkaxkar għal xi metri minħabba li ma setax iżomm kontroll tal-mutur. Qal li huwa pprova jaqbeż il-vettura misjuqa mir-rikorrent għaliex din kienet kważi wieqfa. Żied jgħid li r-rikorrent fl-ebda ħin ma indika li kien ser idur, u sakemm wasal

wara din il-vettura, kien ċert li ma kinitx ser iddur fuqu. Qal li ried jagħmel is-sorpass għaliex il-vettura kienet wieqfa f'nofs it-triq. Waqt il-kontroeżami, l-intimat ikkonferma li fiż-żmien tal-inċident it-triq inkwistjoni kienet *single carriageway,* u dak iż-żmien il-vetturi setgħu jipparkjaw *fishbone* viċin il-bini. Qal li l-ewwel darba li ra l-vettura misjuqa mir-rikorrent, bejniethom kien hemm tul ta' xi għoxrin metru, iżda r-rikorrent kien kważi wieqaf. Qal ukoll li dak il-ħin it-triq kienet vojta u ma kienx hemm vetturi oħra bejniethom. Spjega li huwa ddeċieda li jagħmel is-sorpass meta ra lir-rikorrent qiegħed jikser lejn Triq ix-Xatt, u meta ddeċieda li jaqilgħu, kien madwar ħames jew għaxar metri bogħod minnu. Żied jispjega li meta għamel il-manuvra ta' sorpass, il-wisgħa bejn il-ġenb tal-lemin tal-vettura tar-rikorrent u l-bankina kienet b'mod li l-mutur seta' jgħaddi tajjeb, għalkemm qal li vettura ma kinitx tista' tgħaddi. Qal li r-rikorrent fl-ebda waqt ma indika fejn kien sejjer, u hu ħa d-deċiżjoni li jaqilgħu għaliex assuma li dan kien ser idur fuq ix-xellug.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

12. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Settembru, 2019, il-Bord iddeċieda li t-talbiet tar-rikorrent kellhom jiġu milqugħa, u li l-intimat kellu jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrent fl-inċident, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dan huwa arbitraġġ dwar ħabta bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBL 734 misjuqa mir-rikorrent u l-mutur GVP 381 misjuq mill-intimat. Il-ħabta seħħet fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex.*

*Ir-rikorrent isostni illi waqt li kien għaddej mit-triq appena msemmija, xegħel l-indicator biex juri l-intenzjoni tiegħu biex jikser lejn il-lemin. Malli beda jangola l-karozza biex jikser lejn il-lemin, sema' ħabta, u ra mutur jitkaxkar quddiemu li tkaxkar għal madwar tletin (30) jew ħamsa u tletin (35) metru u spiċċa taħt il-vettura VLT 308, li kienet wieqfa.*

*Illi l-intimat min-naħa l-oħra jsostni illi huwa kien ukoll Triq Abate Rigord, u kien bi ħsiebu jaqla' lir-rikorrenti, peress li qies li r-rikorrent kien wieqaf għal kollox, jew kważi. L-intimat jgħid li kien ra lir-rikorrent qabel il-ħabta, u kien hemm bejniethom xi għoxrin metru. Bil-veloċità li biha kien għaddej l-intimat, laħaq lir-rikorrent. Jirriżulta illi l-aħħar qari tal-veloċità tal-mutur kif jirriżulta mix-xhieda kien dak ta' 56km/hr, u dan hekk kif xehdet Joanna Buttigieg u l-Ispettur Joseph Agius. Ta' min jgħid però illi t-*tracking *tal-veloċità jittieħed f'intervalli u mhuwiex* live tracking. *Iżda huwa żgur li f'dik l-aħħar kwarta kemm kien ilu qed jiġi misjuq il-mutur, l-ispeed reġistrat qabel il-ħabta kien l-ogħla speed li kien miexi bih il-mutur, għaliex qabel dak, l-ogħla speed kien ta' 62 kilometru fis-siegħa iżda dak l-ispeed kien reġistrat fi Triq Reġjonali. Għandu jingħad ukoll illi l-aħħar speed reġistrat, ma ġiex reġistrat eżattament fis-sekondi li fihom seħħet il-ħabta għaliex l-aħħar darba li l-mutur kien reġistrat bħala misjuq kien fil-ħin ta' 22:37:27 bi speed ta' 56 kilometru fis-siegħa, iżda imbagħad x'ħin reġa' ttieħed il-qari fil-ħin ta' 22:38:27, il-mutur kien wieqaf għal kollox. Il-ħabta madankollu seħħet fil-frattemp.*

*Illi ġew esebiti varji ritratti u filmat tal-inċident de quo, kif ukoll ritratti li ttieħdu wara l-inċident, li juru l-estent tal-ħsara fuq iż-żewġ vetturi kif ukoll l-inħawi. L-iktar indikattivi fost ir-ritratti esebiti, fil-fehma tas-sottoskritt huma r-ritratti Dok. AF 9 u 10, kif ukoll ir-ritratti meħuda wara l-inċident. Dan għaliex filwaqt li mill-filmat ma setax jiġi determinat b'mod ċar jekk għallinqas ir-rikorrent kienx xegħel l-indicator, mir-ritratti fuq imsemmija u ċioe Dok. AF 9 u 10 jirriżulta li xi tip ta' dawl fuq in-naħa tal-lemin tal-Punto misjuqa mir-rikorrent fil-fatt kien hemm. B'aktar preċiżjoni anzi jingħad illi minn Dok. AF10 jirriżulta li fuq in-naħa ta' wara tal-lemin tal-vettura tal-intimat kien hemm żewġ bozoz jixegħlu, u ċioe waħda n-naħa ta' fuq (li f'vettura tal-għamla tal-intimat tikkorrispondi għal brake light) u oħra n-naħa t'isfel (li fil-vettura tal-intimat tikkorrispondi għall-indicator, u dan hekk kif jirriżulta mill-varji ritratti esebiti tan-naħa ta' wara tal-karozza, fosthom dawk li jiffurmaw parti minn Dok. NC1, u speċifikament ritratt numru 13CZL 112 u 13 CZL 113).*

*Illi għandu jirriżulta wkoll, mill-appena msemmija ritratti esebiti mix-xhud PS 422 (Dok. NC1), li l-ħsara fil-ġenb tal-vettura tar-rikorrent kienet pjuttost estensiva. It-tip ta' daqqa li tidher fuq il-karozza turi li bi probabbilità kbira l-intimat kien għaddej*

*b'veloċità qawwija qabel ma pprova jaqbeż lir-rikorrent. Is-sottoskritt huwa għalhekk tal-fehma illi l-intimat kien għaddej b'veloċità tali li lanqas kieku kellu jara l-indicator tar-rikorrenti, ma kien ikun f'qagħda biżżejjed pronta biex jieqaf. Fil-fatt l-intimat jgħid li ra lir-rikorrent jagħlaq fuqu fl-aħħar mumenti. Jirriżulta wkoll illi l-intimat tkaxkar distanza sew wara l-ħabta, u dan wara li anke mess u giref il-bankina fuq in-naħa tal-lemin, fattur ieħor li jindika li kien għaddej b'veloċità qawwija.*

*Illi l-intimat jgħid li huwa kellu indikazzjoni li r-rikorrent kien ħa jdur lejn Triq ix-Xatt, u mhux lejn Triq il-Ġnien. L-Arbitru jikkunsidra li Triq ix-Xatt u Triq il-Ġnien mhumiex fuq l-istess naħa, u ċioe għal waħda trid tikser lejn ix-xellug u għall-oħra lejn il-lemin. Mistoqsi in kontro-eżami biex jgħid x'indikazzjoni fiżika kellu li r-rikorrent kien ħa jdur lejn Triq ix-Xatt, l-intimat jgħid li ma kien hemm l-ebda indicator lights mixgħulin. Jirriżulta għalhekk illi l-intimat allura ma kellux indikazzjoni biss iżda ppreżuma hu x'kien ser jagħmel ir-rikorrent. Fuq kollox, lill-Arbitru ma rriżultalux mill-provi li kien hemm tali indikazzjoni kif allegata mill-intimat. Anzi, irriżulta l-kuntrarju kif indikat aktar 'il fuq.*

*Illi għalhekk jirriżulta li d-deċiżjoni tal-intimat li jaqbeż lir-rikorrent kienet deċiżjoni meħuda fuq kalkolu żbaljat. F'dan ir-rigward, l-artikolu 181 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq jgħid:*

"Qatt taqla' vettura oħra qabel MA TKUN ĊERT li tista' tagħmel dan mingħajr periklu għalik jew għal ħaddieħor."

*Illi inoltre, l-Artikolu 184 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq ikompli:*

"TAQLAX VETTURA OĦRA meta tkun qed tavviċina: ... triq li tagħqad m'oħra."

*Illi anke l-Qrati tagħna indikaw meta sorpass mhuwiex permess:*

"Is-sorpass, għalkemm manuvra leġittima meta magħmula f'waqtha, tista' tkun ukoll ta' xi perikolu u għalhekk is-sewwieq li jagħmel is-sorpass għandu jara li jkun jista' jibda u jtemm il-manuvra bla ma joħloq perikolu". *(**Sultana Brothers Transport Limited vs Sabrina Anne Cauchi et –** deċiża mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim Awla fil-31 ta' Ottubru, 2003.)*

*Illi għalhekk jirriżulta lis-sottoskritt li huwa l-intimat li jaħti pjenament għall-inċident de quo.*

*Deċiżjoni*

*Għaldaqstant l-Arbitru jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat, jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimat iħallas lir-*

> *rikorrent is-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin euro u sittin ċenteżmu (€768.60), bl-imgħax mil-lum sal-ħlas effettiv. L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-intimat."*

## <u>L-Appell</u>

13. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mil-lodo arbitrali fit-8 ta' Ottubru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ tat-18 ta' Settembru, 2019, u tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellanti u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent Gerald Joseph Mifsud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat."*

14. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex fil-fehma tiegħu dan ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq fattur wieħed, li huwa dak tal-veloċità eċċessiva, u ma tax importanza lill-obbligi u d-dmirijiet li għandhom is-sewwieqa f'każ bħal dan, fejn ir-rikorrent ried jikser lejn il-lemin minn triq prinċipali għal triq sekondarja, fl-istess waqt li mutur kien qed jagħmel sorpass fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. L-appellant qal li huwa ma jaqbilx li l-mutur kien għaddej b'veloċità eċċessiva, u fil-fehma tiegħu, veloċità ta' 56kfs għat-triq fejn seħħ l-inċident mhijiex eċċessiva. Qal ukoll li t-Tribunal naqas milli jeżamina l-manuvri li għamlu s-sewwieqa, l-obbligi tagħhom skont ir-regolamenti tat-traffiku u l-prekawzjonijiet li dawn kellhom jieħdu qabel jagħmlu dik il-manuvra.

15. L-appellant qal li f'dan il-każ, dak li wassal għal dan l-inċident kienu żewġ manuvri, il-manuvra ta' sorpass u l-manuvra ta' ksur lejn il-lemin. Qal li wieħed

irid jistabbilixxi liema minn dawn seħħet l-ewwel, u qal li l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna tagħti preċedenza lil dak li jkun qed jissorpassa f'każijiet bħal dawn. Qal li f'każijiet bħal dawn il-Qrati diversi drabi rritenew li l-probabbilità hija li s-sewwieq li jkun qed jikser lejn il-lemin ikun qasam it-triq tas-sewwieq li jkun qed jissorpassah mingħajr ma jkun ta *adequate warning* jew indika x'ser jagħmel. Żied jgħid li anki l-*Highway Code* jistipula li min ikun ser jikser lejn xi naħa jew oħra fit-triq, għandu l-obbligu li jindika l-intenzjoni tiegħu xi tkun, u li tali intenzjoni għandha tiġi espressa ferm qabel issir il-manuvra. Is-sewwieq għandu wkoll l-obbligu li jħares fil-mera u jara jkunux ġejjin vetturi qabel jikser.

16. L-appellant qal li f'dan il-każ, iż-żewġ sewwieqa kellhom il-jedd li jagħmlu l-manuvra li għamlu, imma l-appellat kellu obbligu ikbar li meta jkun ser jibdel id-direzzjoni tiegħu, jaċċerta ruħu li ma jkun għaddej ħadd jissorpassah. Qal ukoll li dan ma jfissirx li l-appellat kellu biss l-obbligu li jixgħel l-*indicator* jew li jħares fil-mera, imma dan kellu jassigura ruħu li meta jikser u sakemm jikser, ikun ċert li jkun hemm biżżejjed ħin biex jagħmel din il-manuvra. Qal li l-appellat kellu jaċċerta ruħu li l-utenti l-oħra tat-triq fehmu sewwa l-manuvra li huwa kien fi ħsiebu jagħmel meta xegħel l-*indicator* tiegħu, u li dawn kellhom ħin biżżejjed biex jirreaġixxu għalih. L-appellant qal li meta jiġu applikati l-insenjamenti ċċitati minnu għall-każ odjern, l-appellat kellu obbligu ħafna akbar minn dak tal-appellant, li jassigura li qabel ma jibdel id-direzzjoni, jara li ma jkun għaddej ħadd sabiex b'hekk ma jinħoloqx periklu. Qal li t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq twila u dritta, u li kieku l-appellat ħares tajjeb fil-mera, kien jara l-mutur ġej. Żied jgħid li huwa obbligu ta' kull sewwieq

li jassigura li jkun jaf x'inhu għaddej fit-triq il-ħin kollu. In vista ta' dan, l-appellant ikkonkluda, li l-inċident seħħ minħabba nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-appellat, u għalhekk għandu jkun hu li jinżamm responsabbli għall-inċident.

L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, imma l-partijiet għamlu t-trattazzjonijiet tagħhom quddiem din il-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali.

L-appellant essenzjalment qiegħed jibbaża l-aggravju tiegħu għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-provi kollha mressqa quddiemu qabel iddeċieda din il-vertenza, u minflok qagħad biss fuq l-informazzjoni li fil-ħin tal-inċident huwa kien għaddej b'veloċità ta' 56 kilometru fis-siegħa. Qal li t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu naqas milli jqis il-manuvri li għamlu s-sewwieqa, l-obbligi tagħhom, u l-prekawzjonijiet li dawn kellhom jieħdu fil-mumenti ta' qabel seħħ l-inċident.

*l-aggravju tal-appellant:* *it-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-provi kollha mressqa quddiemu, il-manuvri li kienu qegħdin jagħmlu s-sewwieqa fil-ħin tal-inċident, l-obbligi*

*tagħhom bħala sewwieqa, u l-prekawzjonijiet li kellhom jieħdu fit-triq*

18. Ir-rikorrent xehed quddiem it-Tribunal li fil-ħin tal-impatt huwa kien xegħel l-*indicator* sabiex jindika li ried jaqsam lejn in-naħa tal-lemin tat-triq, għalkemm kien għadu ma bediex jikser lejn il-lemin, u fil-ħin tal-impatt dan kien wieqaf għalkollox jew kien kważi wieqaf. It-Tribunal kellu wkoll quddiemu għadd ta' dokumenti, ritratti u provi oħra oġġettivi, u fl-eżami tal-provi għamel riferiment għar-ritratti esebiti u indikati bħala Dok. AF 9 u 10, li t-tnejn juru li l-vettura misjuqa mill-appellat kellha xi forma ta' dawl mixgħul fuq in-naħa tal-lemin tagħha. It-Tribunal ippreċiża wkoll li mir-ritratti fil-fatt jirriżulta li fil-ħin tal-inċident kemm il-*brake lights* kif ukoll l-*indicator* tal-vettura tal-appellat kienu mixgħulin. Dan juri li l-aggravju li qiegħed iressaq l-appellant, li t-Tribunal straħ biss fuq il-veloċità li kien għaddej biha hu fil-ħin tal-inċident, m'għandhiex mis-sewwa, għaliex fil-konsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal irrefera għal diversi provi u diversi aspetti tax-xhieda li ngħatat. It-Tribunal ikkonsidra wkoll li l-vettura misjuqa mill-appellat ġarrbet ħsara estensiva, u li l-appellant kien għaddej b'veloċità għolja biżżejjed biex anki li kieku dan laħaq induna bl-appellat, xorta waħda ma kienx ser jirnexxilu jieqaf fil-ħin sabiex dan l-inċident jiġi evitat. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-appellant għamel assunzjoni żbaljata meta assuma li l-appellat kien ser jikser lejn Triq ix-Xatt, in-naħa tax-xellug tat-triq, u mhux lejn Triq il-Ġnien, in-naħa tal-lemin tat-triq, u ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jaħseb li l-appellat kien ser jikser proprju lejn ix-xellug, anzi mill-provi jirriżulta ppruvat li l-*indicator* tal-vettura misjuqa mill-appellat kien mixgħul u kien jindika proprju l-kuntrarju, li dan kien ser idur lejn il-lemin.

18. L-appellant qal li l-appellat kellu obbligu jħares fil-mera qabel jikser lejn il-lemin, sabiex ikun ċert li ma kienu ġejjin l-ebda vetturi, u li dan kellu jassigura li kien ser ikollu biżżejjed ħin biex jagħmel il-manuvra li ttenta jagħmel. Il-Qorti tqis li dan jikkontradixxi dak li ssottometta l-appellant stess, li xehed li fil-ħin tal-inċident l-appellat kien wieqaf jew kważi wieqaf. Anki l-appellat fix-xhieda tiegħu kkonferma dan, u qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien għadu ma bediex jikser lejn il-lemin, iżda kien xegħel l-*indicator* biex jindika 'l fejn kien sejjer. Dan ifisser li t-teżi avvanzata mill-appellant m'għandhiex mis-sewwa, għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-appellat qabad u qasam lejn il-lemin tat-triq, mingħajr ma ħares tajjeb biex jara jekk kinitx ġejja xi vettura jew mutur minn warajh. Fil-ħin tal-inċident l-appellat kien għadu ma bediex jikser lejn il-lemin, u l-appellant stess fix-xhieda tiegħu qal li l-appellat kien wieqaf jew kważi wieqaf.

19. Il-Qorti qieset ukoll dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-appellat, fejn il-Qorti evalwat il-filmati elevati minn *CCTV Camera,* li ġew esebiti wkoll quddiem it-Tribunal, minn fejn irriżulta li dan l-inċident seħħ proprju għaliex l-appellant naqas li jħares u josserva r-regolamenti tat-traffiku, u mhux l-appellat.

20. Din il-Qorti għalhekk tqis li l-aggravju tal-appellant mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiż, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**